# Id-19 t' April

## u l-Parroċċa tal-Marsa



Id-data tad-19 t'April hija importanti fil-ġrajjiet memorabbli tal-parroċċa matriċi tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Biżżejjed inħarsu lejn tliet avvenimenti storiċi li seħħew f'din id-data. L-ewwel wieħed kien meta fil-jum sabiħ u tant mistenni tas-Sibt 19 t'April 1913 ġiet imbierka u miftuħa l-knisja u saret ukoll l-inawgurazzjoni solenni minn Monsinjur Pietro Pace Arċisqof ta' Malta fil-preżenza ta' l-Isqfijiet, il-kleru u l-ferħ tal-poplu Marsi. It-tieni avveniment huwa meta nhar il-Ħamis 19 t'April 1917, il-knisja parrokkjali ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mauru Caruana. L-avveniment l-ieħor kien meta l-knisja ġiet milquta bil-bombi fil-faċċata nhar il-Ħadd 19 t'April 1942, fit-tieni gwerra dinjija.

Imma din id-data hija marbuta ma' ġrajja oħra li għalkemm forsi inqas importanti, imma hija sinifikattiva. Dan għaliex nhar id-19 t'April hija l-festa ta' San Speditu jew San Expeditus Martri. Kien minħabba f'hekk li sa mill-bidu, fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa nibtet devozzjoni lejn dan il-qaddis martri. Din waslet biex wieħed benefattur ħallas minn butu biex issir statwa tal-kartapesta. Skond tagħrif li ġbart minn xi anzjani kienet ġiet maħduma mill-istatwarju Luigi Guacci fil-Lecce l-Italja bħal xi statwi oħra li jinsabu fil-knisja. Għalkemm sa issa ma' sibt l-ebda dokument fuq din l-istatwa kienu ħafna l-anzjani li jiftakruha fin-niċċa fl-Oratorju ta' Sant'Antnin.

L-istatwa ta' San Espeditu liebes ta' Ruman kienet tixbaħ lill-vara titulari ta' San Ġorġ Martri tal-Knisja Arċipretali u Arċimatriċi ta' Ħal Qormi. Il-qaddis liebes l-ilbies tradizzjonali ta' suldat Ruman kien qed iżomm palma tal-martirju fl-id tax-xellug u f'oħra kellu salib mgħollija 'l fuq. Fuq is-salib kien hemm il-kelmiet "Hodie"li tfisser "illum" waqt li b'riġlejh qed jirfes ajkla b'karta f'ħalqha bil-kliem "Cros" li tfisser "għada".

Din ix-xbiha ta' San Espedito Martri jidher li bdiet ikollha ċerta devozzjoni għax dan il-qaddis huwa protettur ta' dawk kollha li jkollhom każijiet urġenti u meħtieġa soluzzjonijiet ta' malajr. Ħafna bdew iduru lejh u jitolbu grazzji. Bdiet tinxtegħel quddiem l-istatwa kwantità ta' xemgħa u xi wħud saħansitra bdew jagħtu dan l-isem lil uliedhom. Din il-ħaġa ġiebet l-attenzjoni u xi patrijiet bdew jibżgħu li jista' jitqajjem xi partit. Għalhekk l-istatwa ġiet imneħħija mill-oratorju u tpoġġiet fis-Sala ta' fuq is-sagristija minkejja li kien hemm min wassal xi ilmenti. Damet għal ħafna snin mitluqa sakemm b'dispjaċir din l-opra ta' l-arti meqruda għal kollox.

Dwar il-ħajja ta' San Espeditu ftit li xejn nafu. Propabilment, kien minn Melitene l-Armenia u miet martri għal Kristu fl-ewwel snin tal-Kristjaneżmu ma' grupp ta' martri oħra fi żmien il-persekuzzjoni ta' Diokleżjanu. Ismu nsibuh fil-martiroloġju Ruman u l-fdal tiegħu tpoġġa fil-katakombi f'oqbra tal-martri. Il-fdal tal-ġisem tiegħu kien ittieħed mill-katakombi u ngħata lill-komunità tas-sorijiet ġewwa Pariġi. Fuq il-kaxxa kien hemm il-kliem "Spedito" u huma xerrdu d-devozzjoni lejh. Fl-1781 San Espeditus kien magħżul patrun tal-Belt ta' Acirreale fi Sqallija, l-Italja. Fil-Ġermanja nsibu diversi pitturi tiegħu f'diversi knejjes. Huwa patrun tar-repubblika ta' Molossia fl-Istati Uniti, fl-Istat ta' Nevada fil-Northen California. Hu patrun ukoll tal-baħħara u l-kumerċjanti. F'Malta, San Espeditu kien meqjum fil-knisja parrokkjali tal-Marsa, liema devozzjoni llum spiċċat fix-xejn. Imma ikun ta' interess li dawn il-ġrajjiet ma' jintesewx, għaliex San Espeditu huwa marbut mad-data tad-19 t'April li għall-Marsa tfisser ħafna.

*Referenzi: Saints & Angels, Catholic Online, tagħrif miġbur minn Patri Daniel Tabone, Toni Bugeja, Espedito Tabone u oħrajn.*

Pawlu Dimech.